TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

**Philip Cauchi**
**vs**
**Auto Sales Ltd - Kind's**

**Illum 8 ta' Ġunju, 2015**

It-Tribunal

Ra -talba tar-rikorrent tas-16 ta' Dicembru 2014.

Ra r-risposta tas-socjeta intimata tal-5 ta' Jannar 2015.

Sema lix-xhieda, ra d-dokumenti kollha ezebiti u l-atti processwali.

**Ikkunsidra**

Illi jrrizulta illi r-rikorrent huwa l-propjetarju ta' Mercedes C Class li nxtrat circa 1994. F'xi zmien qabel Awissu tal-2014, il-vettura zvillupat hsarat fis-serraturi u l-mod kif joperaw. Jidher illi r-rikorrent mar ghand is-socjeta' intimata fil-bidu ta' Awissu tal-2014 u ordna sett serraturi ghal vettura tieghu, wara li kien mar ghand xi mechanic iehor fejn qallu li l-hsara kienet fis-serraturi. Is-serraturi l-godda waslu ghand Auto Sales Ltd u r-rikorrent ha l-vettura ghand is-socjeta' intimata fit-18 ta' Settembru 2014 biex dawn jigi installati fuqha.

Illi jidher illi hemm daqsxejn ta' kunflitt fis-sekwenza ta' kif graw l-affarijiet min-naha tal-partijiet kollha.

Illi, perezempju, Michael Bonnici, il-*workshop* manager tal-Autosales ighid illi meta r-rikorrent gie fid-19 ta' Awissu 2015 (recte 19 Settembru 2015) u cjoe' l-ghada ta' meta sar ix-xoghol ta' bdil tas-serraturi, Bonnici ighid li dina kienet l-ewwel darba li huma ghamlu check bhala Kind's u sabu li l-fault gejja mill-pompa; mentri Kevin Mallia li ghamel ix-xoghol fuq il-bdil tas-serratura ighid li mal-ewwel kien induna fejn kienet il-problema. U dan meta hu kien qed jahdem fuq il-karrozza il-gurnata qabel id-19 ta' Settembru 2015 - fejn hemmhekk kien informa lill-imghallem tieghu b'dan, izda l-imghallem kien qallu biex jahdem biss fuq l-istruzzjonijiet li kien tah u ghalhekk biddel biss is-serratura minghajr ma ghamel xoghol fuq il-mekkanizmu.

Illi barra minn hekk, wara illi Kevin Mallia ghamel ix-xoghol li kellu jaghmel, Terry Vassallo, dia*gnostic technician* ma' Kinds, spezzjona l-vettura tar-rikorrent u kkonferma illi s-sistema tas-*central lock* ma kenitx qed tahdem peress illi l-pompa kienet *'worn out'* biz-zmien. Kwindi il-kumpanija kienet taf u kienet f'posizzjoni li tkun taf li d-difett tal-vettura tar-rikorrent kien gej mis-sistema tas-*central locking*.

Illi waqt li kienet qed isir ix-xoghol, il-kumpanija ma gharrfitx lir-rikorrent b'dak li kienet taf u lanqas ma qaltlu meta gie biex jigbor il-karrozza l-ghada. Minkejja li t-Tribunal, minn dak li sema', jinsab konvint illi d-difett ma kienx tort taghhom izda kien '*wear and tear*' biz-zmien, is-socjeta' intimata halliet ir-rikorrent jinduna wahdu illi s-sistema tas-*central locking* ma kenitx qed tahdem.

Illi t-Tribunal jidhirlu illi dana huwa nuqqas ta' professjonalita' da parti tal-kumpanija illi zammet informazzjoni krucjali minghand il-klijent u hallietu jghum wahdu b'din il-problema mhux solvuta. Veru illi l-problema ma kenitx tort tal-kumpanija, pero' bl-agir taghhom saret problema taghhom meta huma zammu siekta u ma avzawx lir-rikorrent b'dak li kienu jafu.

Illi t-Tribunal jirrileva illi r-rikorrent ma tax spjegazzjoni jew *breakdown* ta' kif wasal ghac-cifra ta' €650.00 mitluba minnu, anzi esebixxa dokument li ma kellux x'jaqsam mal-kumpanija Kind's u li kienet ssemmi cifra inqas. Is-serraturi mibdula huma tajbin u t-Tribunal m'ghandux dubju illi x-xoghol ta' bdil taghhom sar skond l-arti u s-sengha. Il-fatt illi s-*central locking* ma hadimx m'ghandux x'jaqsam mas-serratura peress illi dana huwa unit ghalih u biz-zmien u bl-uzu jista' jfalli kif fil-fatt gara f'dan il-kaz peress illi l-vettura ghandha z-zmien.

Ghalhekk it-Tribunal mhuwiex sejjer jilqa' t-talba tar-rikorrent fl-intier taghha, ghax ir-rikorrent, tajjeb jew hazin ibbenefika mix-xoghol illi ghamlet il-kumpanija Kind's bil-konsenja u installazzjoni ta' serraturi godda. Pero, ir-rikorrent gie sa certu punt ingannat meta l-kumpanija Kind's ma zvelatx lir-rikorrent il-vera natura tal-problema li kellu , kif spjegaw tajjeb uhud mill-impjegati tal-istess Kinds u ghalhekk ghal dan jisthoqlu xi kumpens.

Illi dan it-Tribunal qieghed jiffissa *arbitrio bona viri* il-kumpens fl-ammont ta' mija u hamsin Euro (€150.00) ghan-nuqqas tal-kumpanija illi tavza lir-rikorrent bil-vera problema illi kellu.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' in parti t-talba tar-rikorrent u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas lir-rikorrent is-somma ta' mija u hamsin Euro (€150.00) bhala danni ghar-ragunijet fuq imsemmija, bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**